MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 193/2008

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone, detentur tal-karta ta' l-identità numru 258269(M), bħala mandatarju speċjali ta' BULGARI S.p.A., soċjetà estera ta' nazzjonalità Taljana reġistrata fir-reġistru tal-kumpanniji kummerċjali tat-Tribunal ta' Ruma bin-numru ta' reġistrazzjoni 2031/59, b'indirizz ta' Lungotevere Marzio, 11, 00186 Ruma l-Italja**
***Versus***

**Avukat Dottor Mark Busuttil u Prokuratur Legali Luisa Tufigno maħturin b'digriet tat-8 ta' Mejju 2008 kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lil STUMAR P/C ETS H B A, ta' Route du Port, Rades 2040, Tuneżija.**

Din il-kawża hija dwar drittijiet ta' proprjetà industrijali.
Is-soċjetà attriċi tgħid illi hija sidt il-marka *BVLGARI*, reġistrata validament bhala *trademark* Komunitarja (CTM) bin-numru 001510866 b'seħħ mis-16 ta' Frar 2000, u dan f'kull każ *inter alia* dwar arloġġi ta' l-idejn. Barra minn

hekk is-soċjetà attriċi għandha reġistrata f'Malta b'seħħ mill-17 ta' Settembru 2001 it-*trademark* bin-numru ta' reġistrazzjoni 34949 – *BVLGARI* (figurattiva) – u dan dwar l-arloġġi ta' l-idejn fost oħrajn. Is-soċjetà konvenuta kisret id-dritt tas-soċjetà attriċi għal din it-*trademark* billi nqdiet b'sinjal identiku fuq oġġett li huwa identiku ma' dawk il-ħwejjeġ li dwarhom ġiet reġistrata t-*trademark* tas-soċjetà attriċi meta daħħlet f'Malta kwantità ta' arloġġi ta' l-idejn falsifikati bil-marki ta' *BVLGARI*.

B'hekk is-soċjetà konvenuta kisret id-drittijiet dwar il-proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi. Għal dan il-kaz japplikaw l-artikoli 2(1)(a), 4 u 8(1) ta' l-Att dwar Drittijiet dwar Proprjetà Intellettwali (Miżuri Intrakonfini), Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta, u ta' l-Artikoli 1, 2(1)(a), 10, 16 u 17 tal-*Council Regulation 1383/2003*, kif ukoll tal-Artikoli 9 1(a) u (b) tal-*Council Regulation (EC)* 40/94, kif ukoll id-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-artikoli 10, 14 sa 19 tal-Att dwar it-*Trademarks* (Kap 416 tal-Liġijiet ta' Malta) u tar-regolamenti numru 9 ta' l-Avviż Legali 233 tal-2003.

Is-soċjetà attriċi għalhekk talbet illi l-qorti:

1. tiddikjara li l-oġġetti konsistenti fi kwantità ta' arloġġi ta' l-idejn, li lkoll fihom sinjali inkludenti l-kelma "BVLGARI" ippreżentata b'mod distintiv u prominenti, li jinsabu preżentament miżmuma taħt l-awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* INKU 2495739 kien fih l-imsemmija oġġetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi;
2. tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn dawn l-oġġetti barra mill-kanali tal-kummerċ b'dak il-mod li jipprekludi ħsara lis-soċjetà attriċi, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jeqred dawk l-oġġetti, f'kull kaz mingħajr ebda kumpens lis-soċjetà konvenuta u bl-ispejjeż għaliha;
3. tieħu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jieħu, dwar dawk l-oġġetti, kull miżura oħra li jkollha l-effett li effettivament iċċaħħad lis-soċjetà konvenuta mill-benefiċċji ekonomiċi minnhom;
4. tordna li s-soċjetà konvenuta għandha tbati l-ispejjeż kollha tal-miżuri ordnati kif iridu t-tieni u t-tielet talbiet attriċi, fosthom dawk tal-ġarr ta' l-imsemmija oġġetti, tal-ħażna u tal-qerda tagħhom.

Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż.

Il-kuraturi li nħatru biex jidhru għas-soċjetà konvenuta wieġbu illi ma jafux il-fatti tal-każ.
Mix-xiehda b'*affidavit* ta' l-Avukat Luigi A. Sansone, l-istqarrija magħmula mill-Avukat Taljana Maria Augusta Fioruzzi, u l-*affidavit* ta' George Agius, uffiċjal tad-Dwana, jidher illi tassew illi l-prodotti msemmija fir-rikors iġibu fuqhom il-marka *BVLGARI* tas-soċjetà attriċi u ma humiex awtentiċi.  Għalhekk it-talbiet tas-soċjetà attriċi għandhom jintlaqgħu.
Għalhekk il-qorti taqta' l-kawża billi tgħid illi s-soċjetà konvenuta kisret id-dritt ta' *trademark* tas-soċjetà attriċi, u tagħti lill-Kontrollur tad-Dwana, jekk meħtieġ bil-għajnuna tal-Pulizija Esekuttiva, is-setgħa li minnufih jeqred il-konsenja ta' l-arloġġi ta' l-idejn li ddaħħlu Malta fil-*container* INKU 2495739 u li jġibu fuqhom il-marka *BVLGARI* fil-preżenza ta' rappreżentanti tas-soċjetà attriċi.
Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża u kif mitluba fir-rikors maħluf.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------